IR-RABAT

# KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ
# IT-TIENI LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 25

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar Il-Erbgħa 27 ta' Lulju 2016 fis-5.45 pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Louise Agius | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta B23**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B23 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B23.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B23**

2.01 2.01 Iċ-Ċerpersin is-Sur Sam Abela ppropona li terġa' tissejjagħ laqgħa mal-kuntrattur tas-*soft areas*. Is-Sur Christopher Farrugia ssekonda din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament. — Diskussjoni dwar is-*soft areas*.

2.02 2.02 Iċ-Ċerpersin is-Sur Sam Abela ppropona li terġa' tissejjaħ laqgħa mal-kuntrattur tal-knis manwali. Wara diskussjoni li saret il-membri qablu unanimament li jsessqu talba uffiċjali quddiem il-Kunsill sabiex ma jerġax jintagħżel l-istess kuntrattur tal-knis, minħabba nuqqas ta' effiċjenza. — Diskussjoni dwar il-knis manwali.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

R6

| | | |
|---|---|---|
| 2.03 | 2.03 Is-Sra Renate Guillaumier qalet li r-*refresh* tas-sinjali tat-traffiku kien inbeda iżda ma tkompliex. | *Refresh* tas-Sinjali tat-traffiku. |
| 2.04 | 5.02 Is-Sna Audrey Sant qalet li l-*cover* tal-*water galley* kien għadu ma nbidilx. | *Water galley* fi Triq Carlo Fiamingo. |
| 2.05 | 5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li x-xogħol fil-*belvedere* kien inbeda. | Manutenzjoni tal-bankijiet u r-*railing* tal-*Belvedere*. |

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta B24**

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Il-minuti tas-seduta nru B24 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B24. |

4.00 **Komunikazzjoni mill-membri**

| | | |
|---|---|---|
| 4.01 | Is-Sra Renate Guillaumier qalet li kien hemm yellow lines fi Triq Francesco Azzopardi u li dan ġew miżbugħa bl-iswed. | *Yellow lines* fi Triq Francesco Azzopardi. |
| 4.02 | Is-Sna Audrey Sant qalet li ħdejn kull *doggy bins* kellhom ukoll jitwaħħlu t-tabelli, iżda dawn baqaw ma twaħħlux. | Tabelli ħdejn d-*Doggy Bins*. |
| 4.03 | Is-Sur Christopher Farrugia saħaq dwar nuqqas ta' dawl fil-bidu ta' Tal-Virtu'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa intbagħatet talba lill-Enemalta dwar dan il-każ iżda għadna mingħajr twegiba. | Nuqqas ta' dawl ġewwa tal-Virtu' |
| 4.04 | Is-Sur Christopher Farrugia talab li l-arbli li hemm fi Triq il-Buskett issiru fuq in-naħa l-oħra tat-triq. | Arbli li hemm fi Triq il-Buskett |
| 4.05 | Is-Sur Christopher Farrugia qal li hemm sitt konki imkissrin. Dan wara xi xogħolijiet li saru fi Triq Godwin Ganado. | Konki mkissrin fi Triq Godwin Ganado |

**5.00 Korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-laqgħa ittra ndirizzata liċ-Ċerpersin is-Sur Sam Abela. Tali ittra kienet mibgħuta mis-Sur Joseph Muscat fejn kien qiegħed jipproponi li t-Triq tal-Virtu' issir *One-Way*.<br><br>Is-Sur Christopher Farrugia qal li minħabba l-fatt li din hija żona residenzjali, l-vetturi għandhom isuqu b'35 km/h u għaldaqstant jaqbel mas-suġġeriment tas-Sur Muscat. | *One-Way* fi Triq tal-Virtu |

Iċ-Cerperson is-Sur Sam Abela qal li qabel il-Kumitat Amministrattiv jasal għal decizzjoni għandu jintalab parir professjonali u issir *Traffic Management Plan* sabiex issir dak li hu l-aħjar għar-residenti. Huwa ppropona li tali talba issir lil 'Transport Malta' pero' li tiġi *one-way* waqt il-ħinijiet ta' l-iskola biss minħabba s-Seminarju, u mhux kif qed jiġi propost mis-Sur Muscat. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat Amminstrattiv qabel unanimament

** Iċ-Cerperson is-Sur Sam Abela talab li jiġi skużat fis-6:41 ta' filgħaxija

**6.00 Materji Oħra**

6.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussa. Materji Oħra

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Erbgħa ta' 31 t'Awwissu 2016, fis-5:45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgha ntemmet fis-6:45 ta' filghaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2016

Renate Guillaumier
f/ **Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**